**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**(Sede Kostituzzjonali)**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 375/2022 GG**

**Ayoubah Fona, bin-numru tal-Immigrazzjoni 21R-018**

**vs.**

**Il-Ministeru ghall-Intern, is-Sigurta, ir-Riformi u l-Ugwaljanza et**

Illum 21 ta' Frar 2023

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Ayoubah Fona tat-2 ta' Novembru, 2022 ipprezentat quddiem din il-Qorti diversament preseduta li bih talab lil din il-Qorti sabiex il-procedimenti jitmexxew bil-lingwa Ingliza;

Rat id-digriet taghha tal-istess jum li bih ordnat notifika lill-partijiet bi zmien ghaxart ijiem ghar-risposta;

Rat ir-risposta tal-intimati Supretendent ghas-Sahha Pubblika u tal-Avukat tal-Istat li bih rregistraw li ma ghandhom l-ebda oggezzjoni ghajr li l-Qorti ghandha taghti direzzjoni fuq l-ilsien tal-kitba li ghandha jkun uzat fl-atti li ser ikunu prezentati fil-mori ta' dawn il-proceduri;

Rat ukoll ir-risposta tal-intimati l-ohra li ukoll rregistraw li ma ghandhom l-ebda oggezzjoni, izda, "*madanakollu peress illi l-atti illi gew pprezentati quddiem din l-Onorabbli Qorti inkitbu bil-lingwa Maltija b'ebda traduzzjoni li akkompanjat dawk l-atti, l-esponenti huma tal-umli fehma illi l-atti li jigu intavolati f'din il-kawza jkomplu jigu mitkuba bil-lingwa Mltija, u dan ghajr ghal kwalsiasi xhieda bil-miktub tal-attur. Illi in vista tas-suespost, l-esponenti qieghdin jirrimettu ruhhom ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti*";

Rat id-digriet taghha kif diversament preseduta tal-15 ta' Novembru, 2022 li bih irrizervat li tipprovdi dwaru fl-udjenza tal-11 ta' Jannar, 2023;

Rat illi fl-udjenza tal-11 ta' Jannar, 2023 l-Qorti, allura issa preseduta mill-Imhallef sottofirmat, osservat illi r-rikors tat-2 ta' Novembru, 2022 ghadu mhux dekretat;

Rat l-atti:

Ikkunsidrat:

1. Illi filwaqt illi r-rikors promutur kien ipprezentat mir-rikorrenti bl-ilsien Malti, wara li l-intimati ressqu r-risposti taghhom, l-istess

rikorrenti talab, permezz tar-rikors tat-2 ta' Novembru, 2022, li l-procediment jissokta bl-ilsien Ingliz;

2. Illi l-artikolu 21 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta, jipprovdi li l-ilsien tal-Qrati huwa l-ilsien Malti bis-segwenti provvediment:

> **21.** (1) L-ilsien Malti jkun l-ilsien tal-qrati u, bla hsara tad-disposizzjonijiet tal-Att dwar Proceduri Gudizzjarji (Uzu tal-Ilsien Ingliz), il-proceduri kollha ghandhom isiru b'dak l-ilsien.
>
> (2) Meta xi parti ma tifhimx l-ilsien li bih ikunu qed isiru l-proceduri orali, dawk il-proceduri ghandhom jigu interpretati lilha jew mill-Qorti jew minn interpretu li jigi moghti lilu l-gurament".

3. Illi deroga minn din ir-regola hija permessibbli bis-sahha tal-artikolu 2(b) tal-Att dwar Proceduri Gudizzjarji (Uzu tal-ilsien Ingliz) Kapitolu 189 tal-ligijiet ta' Malta li jiipprovdi hekk:

> **2.** (b) Meta wahda jew izjed mill-partijiet tkun jew ikunu jitkellmu bil-Malti u wahda jew izjed tkun jew ikunu jitkellmu bl-Ingliz u l-partijiet kollha li jitkellmu bil-Malti jaghmlu dikjarazzjoni fl-inkartament tal-Qorti li jaccettaw li l-proceduri jsiru bl-ilsien Ingliz, jew meta ebda wahda mill-partijiet ma tkun la persuna li titkellem bil-Malti u l-anqas persuna li titkellem bl-Ingliz, il-Qorti tista tordna li l-proceduri jsiru bl-ilsien Ingliz.

4. Illi fil-kaz odjern, r-rikorrent ddikjara li huwa ta' nazzjonalita' Liberjana u jitkellem bl-ilsien Ingliz u ghalkemm ma ddikjarax espressament, il-Qorti tifhem li ma jafx jitkellem bl-ilsien Malti. L-intimati, lkoll ddikjaraw li ma jsibu ebda oggezzjoni li l-proceduri jissoktaw bl-ilsien Ingliz hlief ghall-eccezzjoni kif osservat *supra*.

Issa, ghalkemm hemm dikjarazzjoni minn kull parti skond l-artikolu 2(b) tal-Kapitolu 189 li jaccettaw li l-proceduri jsiru bl-ilsien Ingliz, il-Qorti mhix marbuta li taderixxi ma dik id-dikjarazzjoni tant illi tista' u mhux ghandha tordna li l-proceudri jsiru bl-ilsien Ingliz;

5. Illi tenut kont li huwa ta' massima mportanza f'dawn il-proceduri kostituzzjonali li r-rikorrenti ikun jifhem u jsegwi l-proceduri minnu ntentati, wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-accettazzjoni tal-partijiet kollha, tqis illi l-uzu tal-ilsien Ingliz ikun indikat sabiex tissokta din il-procedura u ghalhekk it-talba ghad-deroga hija wahda gustifikata;

6. Illi madanakollu, jehtieg li tinzamm fil-mira il-*caveat* maghmul mill-intimati u ghalhekk taqta' u tiddeciedi billi tordna li minn issa 'l quddiem l-proceduri, inkluz kull sottomissjoni orali, jissoktaw bl-ilsien Ingliz b'dan illi kwantu ghal atti bil-miktub dawn ghandhom isiru fl-ilsien Malti u s-sentenza tinghata bl-ilsien Malti. Ghal fini ta' kjarezza kull affidavit li parti jew ohra fi hsiebha tipprezenta, ghandha taghmel hekk fl-ilsien Ingliz.

---

**Onor. Dr. Giovanni M Grixti**
**Imħallef**

**Christopher Camilleri**

**Deputat Reġistratur**